MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 324/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anton Vassallo**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anton Vassallo talli:

(1) nhar-it 23 ta' Gunju 2011, ghall-habta ta' l-4.30.a.m. fl-Imriehel, ikkommetta serq ta' somma flus kontanti u hwejjeg minn gol-hanut 'Outta Kontrol' fi Triq Notabile Imriehel, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Time International Sports Ltd u/jew George Amato;

(2) f'xi hin matul il-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Mejju 2003, fiz-Zejtun, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Ford Cortina minn go Triq Gius Caruana Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) li sar ghad-detriment ta' Roberto Dimech;

(3) f'xi hin matul il-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Mejju 2003, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' somma flus kontanti u video recorder minn gol-hanut 'Tal-Lira' fi Triq il-Katidral, Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Patrick Pellegrini;

(4) nhar-is 27 ta' Mejju 2003, ghall-habta ta' 1.30am. f'Hal Qormi, ikkommetta serq ta' cash register u somma flus kontanti minn gol-hanut 'Joe's Confectionery' fi Triq Anici, Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Joseph Zammit;

(5) nhar-is 27 ta' Mejju, 2003, ghall-habta ta' 4.00.a.m, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' somma flus kontanti u tmien grosos sigaretti minn gol-hanut 'Wellworth Take Away' fi Triq Sant'Andrija San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Carmelo Azzopardi;

(6) nhar-is 27 ta' Mejju 2003, ghall-habta tas-2.00.a.m. f'San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt, cioe` dak ta' serq minn gol-hanut 'Cork's Bar' fi Triq il-Kullegg l-Antik, San Giljan, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Claude Borg;

(7) f'xin hin matul il-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Mejju 2003, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' cash register,

somma flus, kontanti u fliexken tax-xorb minn gol-hanut ‘Tini Café’ Bar’ fix-Xatt ta’ Qui-si-Sana Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha  u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad detriment ta’ Carmelo Demicoli;

(8) nhar-id 29 ta’ Mejju 2003, ghall-habta ta’ 4.00am. f’Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ somma flus kontanti minn gol-hanut ‘Tower of London Saloon’ fi Triq Tigne, Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Carmel Bajjada;

(9) fl-istess dati, hin u cirkostanzi, f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(10) fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-hwienet hawn fuq imsemija, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin ewro (€1,164);

(11) irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

(12) nhar-it 3 ta’ Ottubru 2001, ghall-habta ta’ l-4.00 ta’ fil-ghodu f’Marsascala, ikkommetta serq ta’ somma flus kontanti u oggetti ohra minn go hanut bl-isem ‘Don Giovanni Cafeteria’ fi Triq Marina, Marsaskala liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar a detriment tas-sinjura Josephine Bugeja;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Lulju 2011 li permezz tagha, fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli 41(1), 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270, 278(3) u 289

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Anton Vassallo hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu erbatax-il xahar prigunerija, u rakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin biex l-istess Anton Vassallo jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu minn kwalunkwe dipendenza fuq id-droga, jekk hemm bzonn anke permezz ta’ programm opportun;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-18 ta’ Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti: (a) fil-kaz li jidhrilha li ghandha tilqa’ l-ewwel aggravju tieghu, li thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja biex tipprocedi bis-smiegh tal-kawza skond il-ligi; (b) fil-kaz li jidhrilha li ma ghandhiex tilqa’ l-ewwel aggravju, li tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-imsemmi Anton Vassallo hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, thassarha biss f’dik il-parti koncernanti l-erogazzjoni tal-piena ta’ erbatax-il xahar prigunerija u minflok tghaddi biex teroga l-piena idoneja kontra tieghu skond il-ligi;

**4.** Rat is-sentenza perliminari moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta’ Ottubru 2011 li permezz taghha cahdet l-ewwel agravju ta’ l-Avukat Generali;

**5.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anton Vassallo pprezentat fit-18 ta’ Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrieh, tvarja l-piena nflitta billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ Anton Vassallo (minn hawn ‘il quddiem imsejjah “l-appellant/l-appellat”) esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet ix-xiehda ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**7.** In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

**8.** Issa, meta jigi kkunsidrat illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma tatx lill-appellant il-beneficcju kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-uniku artikolu li seta' jibbenefika minnu l-appellant kien l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement il-piena komplessiva kienet taqbez dik inflitta mill-ewwel Qorti. Ciononostante iridu jigu kkunsidrati c-cirkostanzi kollha attinenti ghall-kaz.

**9.** Mix-xiehda ta' l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon jirrizulta illi l-appellant kien diga' bbenefika minn mezzi ta' trattament kontemplati fl-Att dwar il-*Probation*, u ddeskriviet il-perijodi li ghamel taht ordni ta' *probation* u taht ordni ta' servizz fil-komunita` bhala *"success stories"*. Gara illi f'daqqa wahda u inaspettatament sab ruhu inkarcerat dwar kaz li kien sehh fl-2002, u din l-esperjenza effettwatu fin-negattiv peress illi ma nghatax l-opportunita` li jidhol f'programm ta' rijabilitazzjoni. Waqt li kien inkarcerat kellu anke problema mal-*partner* tieghu u meta hareg, fi kliem l-ufficjal tal-*probation*, baqa' ftit imgerfex. Testijiet ta' l-urina li haditlu, pero`, irrizultaw fin-negattiv. L-appellant inoltre sab xoghol u beda jahdem b'mod regolari.

**10.** Jirrizulta wkoll illi l-maggor parti ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jirrisalu ghall-2003 meta l-appellant kien ghadu ghaddej minn perijodu difficli f'hajtu. Mill-istqarrija tieghu mbaghad jirrizulta illi huwa kkoopera mal-Pulizija tant illi, mistoqsi dwar il-kazijiet ta' l-2003 huwa ammetta mill-ewwel ir-responsabbilta` tieghu, indikazzjoni cara din illi *"he wanted to come clean"* u jnehhi toqol minn fuqu. Fil-mori ta' l-appell din il-Qorti

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

talbet lill-ufficjal tal-*probation* tipprova tirrintracca l-vittmi kollha tar-reati li ammetta ghalihom l-appellant sabiex tindaga maghhom jekk kinux thallsu d-danni sofferti u, jekk le, kemm kienu dawn id-danni. Min-nota ta' l-ufficjal tal-*probation* esebita fis-27 ta' Marzu 2012 u mix-xiehda taghha jirrizulta illi persuna wahda kienet ghadha ma gietx ikkumpensata, ohra thallset in parti mill-assigurazzjoni, u persuna ohra stqarret li ma riditx kumpens izda qalet li jkun tajjeb illi l-appellant jikkompensa lis-socjeta` permezz ta' xoghol fil-komunita`. Persuna ohra qalet li nsterqulha Lm60 kontanti u saritilha xi hsara izda baqghet ma pprezentatx rcevuta. Ohrajn kienu gew ikkumpensati mill-assigurazzjoni. Ukoll fil-mori ta' dan l-appell l-appellant beda jaghmel pagamenti lil tnejn mill-vittmi.

**11.** Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

**"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**

**12.** Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l-appellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-*probation*, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi

tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' *probation* u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-*probation* filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.

**13.** Dwar il-kumpens, l-ammonti li din il-Qorti sejra tordna li huwa jhallas huma: (1) lis-socjeta` Time International Sports Ltd is-somma ta' €500 rapprezentanti l-ammont li ma thallsitx mill-assigurazzjoni (*policy excess*); (2) lil Robert Dimech is-somma ta' €1,687.63 (Lm724.50) rapprezentanti hsarat fuq il-vettura tieghu; (3) lil Joseph Zammit is-somma ta' €139.76 (Lm60) rapprezentanti flus kontanti misruqa mill-fond tieghu. Dawn l-ammonti huma minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe somma akbar li tista' tkun dovuta.

**14.** Fl-ahharnett din il-Qorti tammonixxi severament lill-hati li jekk jonqos minn xi kondizzjoni elenkata fl-ordni ta' *probation* u servizz din il-Qorti mhijiex se tkun propensa li turi l-ebda klemenza mieghu. Din hija l-ahhar opportunita` li sejra taghtih biex jibqa' fit-triq it-tajba.

**15.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mit-tieni aggravju ta' l-Avukat Generali u mill-appell ta' l-imsemmi Anton Vassallo billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu erbatax-il xahar prigunerija u minflok a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 446, tordna li l-istess Anton Vassallo jitqieghed taht ordni ta' *probation* u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn anness. Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista'

jinghata sentenza ghar-reat originali. Inoltre a tenur ta’ l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-istess Anton Vassallo jhallas bhala danni (1) lis-socjeta` Time International Sports Ltd is-somma ta’ €500; (2) lil Robert Dimech is-somma ta’ €1,687.63; u (3) lil Joseph Zammit is-somma ta’ €139.76, u dan bil-modalitajiet miftehma ma’ l-ufficjal tal-*probation* tieghu u mil-liema ammonti ghandhom jitnaqqsu l-ammonti ga` minnu mhallsa; f’kull kaz minghajr pregudizzju ghal xi somma akbar li tkun ghadha dovuta lilhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------